MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 1196/2000/1

**Dr Joseph Zammit Tabona u martu May Zammit Tabona**

***Versus***

**Charles *sive* Charlie Saliba**

F’din il-kawża l-atturi qegħdin ifittxu lill-konvenut għad-danni għax igħidu illi seraqhom.

Iċ-ċitazzjoni tgħid illi filgħodu kmieni fit-12 ta’ Mejju 1995 xi nies kienu għamlu serqa mid-dar fejn joqogħdu l-atturi, 68 Triq il-Kbira, San Ġiljan; kienu nsterqu flus u ħwejjeġ oħra, saret ħsara fil-proprjetà ta’ l-atturi li ġarrbu wkoll ġrieħi fuq il-persuna tagħhom.

Il-konvenut kien wieħed minn dawk li ħadu sehem fis-serqa; anzi, kien il-“movent u promotur” u għalhekk għandu jwieġeb għal dak kollu li ġarrbu l-atturi.

Lill-atturi ma seħħilhomx li jsiru jafu min kienu n-nies l-oħra li ħadu sehem fis-serqa, u jridu jistabilixxu l-ħtija għallinqas tal-konvenut, kif ukoll l-entità tad-danni li ġarrbu. Għalhekk fetħu din il-kawża u qegħdin jitolbu illi l-qorti:

1. tgħid illi l-konvenut kien il-"promotur u organizzatur" tas-serqa u kien ħa sehem attiv fiha;
2. tgħid illi l-konvenut għandu jwieġeb lejn l-atturi għad-danni kollha li dawn ġarrbu minħabba s-serqa;
3. tillikwida d-danni; u
4. tikkundanna lill-konvenut iħallas id-danni hekk likwidati, flimkien ma' l-imgħax minn dakinhar tas-sentenza u l-ispejjeż, fosthom dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-15 ta' Lulju 1998.

Il-konvenut ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

1. ma huwa minnu xejn illi l-konvenut ħa sehem fis-serqa tat-12 ta' Mejju 1995;
2. din il-kawża saret biss biex l-atturi jiksbu vantaġġ artifiċjali f'kawża illi l-konvenut bħala direttur f'isem soċjetà kummerċjali fetaħ kontra tagħhom għax għandhom jagħtu lis-soċjetà li deher għaliha l-konvenut; u
3. il-konvenuti ilhom għal ħafna snin jissaportu l-allegazzjonijiet frivoli u vessatorji ta' l-atturi, li għamlu ħsara lill-konvenut l-aktar għax tellfuh ix-xogħol, u l-konvenut għalhekk qiegħed imexxi b'kawża oħra għad-danni li ġarrab u li qiegħed iġarrab.

Il-fatti li wasslu għal din il-kawża seħħew hekk:

Fil-lejl tat-12 ta' Mejju 1995, meta l-atturi kienu reqdin fid-dar tagħhom, daħlu fuqhom xi ħallelin, milli jidher mill-bieb tal-bejt. Kienu b'kollox bejn ħamsa u sebgħa min-nies, kollha b'wiċċhom mgħotti. Tlieta minnhom daħlu fil-kamra tas-sodda fejn kienu l-atturi u tefgħuhom ma' l-art; wieħed minnhom kiser riġel l-attriċi b'daqqa ta' azzarin u qalilha "Agħtina d-deheb kollu ħalli mmorru nibilgħuhom", waqt illi ieħor żamm lill-attur ma' l-art biż-żarbun fuq wiċċu u qallu "Agħtina ż-żewġt ibramel deheb li għidtilna li għandek". Dehru li kienu drogati.

Il-bqija tal-ħallelin daħlu f'kamra oħra fejn l-atturi kellhom kaxxaforti u din il-kaxxa bdew iġorruha bħal biex joħorġuha barra fit-triq biex joħduha magħhom. F'ħin minnhom iżda sabu ċ-ċavetta tal-kaxxaforti u għalhekk setgħu jiftħuha u jieħdu dak li kien hemm ġewwa bla ma

jkollhom jieħdu l-kaxxa b'kollox. Wieħed minnhom qal lit-tlieta l-oħra li kienu fil-kamra tas-sodda, "L-aħwa, nistgħu mmorru". Il-ħallelin kollha, ħlief wieħed minnhom, tkellmu bejniethom. Mill-aċċent tagħhom dehru li kienu min-naħa ta' isfel ta' Malta.

Hekk kif il-ħallelin bdew ħerġin mill-bieb ta' barra l-attur ħareġ mill-kamra tas-sodda u rahom ħerġin. Dak fost il-ħallelin li kien baqa' sieket kien l-aħħar wieħed li ħareġ u l-attur rah kemm waqt li kien ħiereġ kif ukoll meta daħal fil-*van* li fih x'aktarx il-ħallelin kellhom il-ħsieb li jġorru l-kaxxaforti li kieku ma seħħilhomx li jiftħuha. Dwar dan il-ħalliel li baqa' sieket u ħareġ l-aħħar wieħed, l-attur xehed hekk:

In segwitu, meta allura l-ħallelin kienu sejrin u jiena ħriġt mill-kamra warajhom, jiena lill-konvenut għaraftu u kien wieħed mis-sitta jew sebgħa żgur li kienu. Għaraftu b'għajnejja, wara li ġà kont naf li kien wieħed magħhom mill-ewwel, b'widnejja, kif ġa spjegajt. U dan f'xena ta' meravilja, biża' u esperjenza trawmatika. Lill-konvenut kont ili nafu personalment *closely* xi tnax-il sena kontinwu qabel l-inċident, u ferm qabel ukoll ma' missieru; naf surtu, mixjietu, u għemilu sewwa b'kuntatti kontinwi snin kbar u ħaddiem tiegħi u midħla, *sic et constanter*.

Għalhekk il-*fare* tiegħu, l-istatura, it-tul u l-atteġġjament nafhom tajjeb u kienu kollha jaqblu mad-dettal li rajt u ma' dak li naf dwar il-persuna tal-konvenut hekk midħla tiegħi, anke il-moviment u l-inklinazzjoni tar-ras. Ftit qabel l-inċident infatti kont għidtlu dawn il-preċiżi kliem: "Qisna għarajjes jien u int, inżommu kuntatt kważi kuljum". Għalhekk il-karatteristiċi personali tal-konvenut jiena kont nafha [*sic*] tajjeb, u għalhekk għaraftu.

Mill-grupp li ġew id-dar, ħamsa tkellmu liberament, tlieta minnhom fil-kamra tas-sodda *ad alta voce*; biss il-konvenut baqa' sieket u baqa' n-naħa ta' barra tad-dar fl-entrata u ma tkellimx anke meta kellimtu jiena, minn dawk li rajt. Jiġifieri fil-waqt li l-oħrajn tkellmu liberament għax mhux magħrufa, anzi mhux tal-pajjiż u *cioè* mhux minn San Ġiljan uħud minnhom, il-konvenut baqa' silenti u ma qal ebda kelma lili – hu biss minn dawk li rajt jiena.

Naturali fiċ-ċirkostanzi, fis-sorpriża tax-xokk u tal-biża' ta' l-okkażżjoni, jiena ma stajtx nikxef dak li b'meravilja kont għaddej minnu, bix-xokk ta' l-okkażjoni li lejlietha lanqas

remotament kont noħlomha, jew li kienet possibli, bl-intervent tal-konvenut fuq kollox.
Però jiena kont naf li kien mal-grupp mill-ewwel għax qaluli u għax għaraftu, u naf li żamm ruħu fin-naħa ta' barra tad-dar, fejn jiena rajtu; u fil-*van* abjad, ma' oħrajn mhux magħrufa, meta telqu 'l fuq lejn Spinola; u fil-*van* erġajt rajtu, mit-tieqa tad-dar li ġabet il-ħġieġa ta' quddiem tal-*van* tajjeb biżżejjed biex għajnejja ippenetraw fil-fond; rajtu qisu nofs wiċċu minn taħt, mikxuf.[1]
Minkejja dak illi sejjer jingħad aktar 'il quddiem, il-qorti temmen lill-attur; temmen illi jekk bniedem tkun ilek tafu ħafna snin, tagħarfu wkoll jekk ma tarax wiċċu u ma tismax leħnu: tagħarfu mill-forma u d-daqs ta' ġismu, mill-imġieba tiegħu u minn kif iżomm ruħu, mill-movimenti li jagħmel. Għalhekk temmen illi tassew illi l-konvenut kien wieħed mill-ħallelin.
Il-qorti tgħid dan għalkemm tagħraf illi hemm xi inkonsistenzi fix-xhieda ta' l-attur, l-aktar fejn igħid illi lill-konvenut għarfu b'għajnejh u b'widnejh, għalkemm b'widnejh żgur ma setax jagħarfu għax il-konvenut baqa' ma tkellimx. Ma jiftehemx ukoll l-attur fejn igħid illi "jiena kont naf li kien mal-grupp mill-ewwel għax qaluli u għax għaraftu"; min kien li qallu?
Għandu jingħad ukoll illi xi wħud mill-argumenti ta' l-atturi huma hekk banali illi jdgħajjfu mhux is-saħħu t-teżi taġħom: argumenti illi jibnu l-ħtija tal-konvenut fuq il-fatt illi waqa' minn fuq sellum, illi stieden lill-atturi għat-tieġ ta' bintu, illi ma qalx lill-atturi li miet missieru, illi kien partat xogħol ma' art, illi lill-atturi bagħtilhom kartolina biex igħarrafhom illi fetaħ ħanut is-Swieqi, illi kellu xi jgħid ma' ħutu, illi qagħad "silenti u assenti", fi kliem ir-ritornell tan-nota ta' osservazzjonijiet ta' l-atturi, huma argumenti li jservu biss biex joħolqu dubji, għax min hu konvint mill-pożizzjoni tiegħu ma joqghħodx jistrieħ fuq konklużjonijiet mibnija fuq argumenti mġebbda u banali bħal dawn.
Li tassew jista' jingħad hu illi min daħal fid-dar ta' l-atturi kien midħla tad-dar, għax kien jaf mnejn kellu jgħaddi, x'kellu jfittex u fejn kien dak li ried. Kien ukoll xi ħadd magħruf mill-attur, għax qagħad attent ma jitkellimx, li ma jintgħarafx minn leħnu. Naturalment ma kienx il-konvenut

[1] *Affidavit* ta'l-attur, *foll.* 29 *et seq.*

biss li kellu dawn il-kwalitajiet, iżda ċertament kien wieħed mill-ftit li kellhom.
Imbagħad hemm ukoll l-episodju tal-"bramel tad-deheb".
Il-konvenut jagħmel xogħol ta' *plumber* u *electrician*, u l-attur qabel is-serqa kien iqabbdu fuq proġetti x'aktarx kbar. Ġara illi, minħabba ċirkostanzi personali, l-attur għadda minn żmien fejn ma setax iħallas fil-pront u lill-konvenut talbu jagħtih ftit żmien. Biex iserraħlu moħħu li kien sejjer jitħallas l-attur qallu metaforikament illi kellu "żewġt ibramel deheb" biex jagħmlu tajjeb; b'hekk ried igħidlu illi kellu l-proprjetà ukoll jekk ma setax iħallas minnufih bi flus likwidi.
Fis-serqa l-ħallelin bdew igħidu lill-attur biex jagħtihom il-bramel tad-deheb li qal illi għandu. Għalhekk bilfors illi l-ħallelin jew kienu semgħu bil-"bramel tad-deheb" mingħand il-konvenut, jew il-konvenut kien wieħed minnhom u ħadhom apposta biex jieħdu d-deheb illi ħasbu illi x'aktarx illi jkun fil-kaxxaforti. Iżda x'raġuni kellu l-konvenut illi jgħid lin-nies illi l-atturi kellhom "bramel tad-deheb" id-dar jekk mhux bi ħsieb ħażin?
Tassew, il-qorti kienet tkun aktar konvinta li kieku l-attur qal pożitivament li għaraf lill-konvenut u waqaf hemm, għax jinħoloq is-suspett illi kienu ċ-ċirkostanzi l-oħra – l-aktar il-"bramel tad-deheb" – li ikkonvinċew lill-attur li għaraf lill-konvenut, u mhux għax tassw għarfu. Madankollu, l-attur ma jħalli ebda dubju fix-xhieda tiegħu illi tassew għaraf lill-konvenut minn persuntu u mill-qagħda u l-imġieba tiegħu, u l-qorti hija sodisfatta illi tista' toqgħod fuq il-kelma ta' l-attur.
Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tilqa' l-ewwel żewġ talbiet ta' l-atturi: tgħid illi l-konvenut kien ħa sehem fis-serqa li saret mid-dar ta' l-attur fit-12 ta' Mejju 1995 u, wara li rat l-art. 1049 tal-Kodiċi Ċivili, tgħid illi l-konvenut għandu jagħmel tajjeb għad-danni kollha li ġarrbu l-atturi.
Tordna li jitkompla s-smigħ għall-għanijiet tat-talbiet l-oħra.

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------